**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 10 ta' Marzu, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 1202/2020 AF**

**HI FLY Limited (C-59107)**

**vs**

**Avv. Cedric Mifsud a nom u in rapprezentanza ta' Commercial Aviation Services LLC bl-indirizz PO BOX 521605, Miami, FL 33172, United States of America**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf ta' HI FLY Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-intimat l-Avv. Dr. Cedric Mifsud noe, permezz ta' rikors guramentat fl-ismijiet inversi pprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti (numru 655/2020 GM), wara li ppremetta r-ragunijiet illi ghalihom hu kien qieghed jippromwovi tali azzjoni, talab lill-istess Onorabbli Qorti tilqa' s-segwenti talbiet:

(a) Taqta' l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Tiddikjara illi s-socjetà rikorrenti hija debitrici tas-socjetà intimata Commercial Aviation Services LLC fis-somma ta' €496,388 rapprezentanti ammont allegatament imhallas mis-socjetà intimata ghal serivzzi ta' *charter* ta' ajruplan skond ftehim datat 6 ta' Mejju 2020, liema servizzi allegatament ma kienux provduti mis-socjetà rikorrenti bi ksur tal-istess ftehim;

(c) Tikkundanna lis-socjetà attrici thallas lis-socjetà intimata s-somma ta' €496,388.

B'sentenza moghtija nhar il-15 ta' Settembru 2020, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili, wara li rat li l-ebda rapprezentant tas-socjetà attrici, imsejjah tlett darbiet, ma deher waqt l-udjenza mizmuma fl-istess jum, iddecidiet dik il-kawza fl-ismijiet inversi billi laqghet it-talbiet tal-intimat noe u kkundannat lis-socjetà rikorrenti thallas lis-socjetà intimata Commercial Aviation Services LLC l-ammont ta' €496,388, bl-ispejjez u bl-imghax legali mis-6 ta' Mejju 2020 sad-data tal-pagament effettiv.

Ghalkemm fis-sentenza msemmija l-Onorabbli Qorti qalet li rat li s-socjetà rikorrenti kienet giet debitament notifikata fil-21 ta' Awwissu 2020 fl-indirizz indikat fir-rikors guramentat, jirrizulta però li n-notifika ma saritx fl-ufficcju tas-socjetà attrici jew lil impjegat jew rapprezentant taghha jew persuna msemmija fl-Artikolu 181A(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda fir-

*reception* tal-kumpless fejn jinsabu diversi ufficcini u lil persuna li mhux impjegat jew rapprezentant tas-socjetà rikorrenti jew persuna msemmija fl-Artikolu 181A(12) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk, ma jirrizultax li s-socjetà rikorrenti giet notifikata bir-rikors guramentat in kwistjoni ai termini tal-Artikolu 187(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif se jirrizulta ulterjorment waqt is-smiegh tal-kawza.

Fil-fatt is-socjetà rikorrenti saret taf b'dawn il-proceduri ferm wara l-21 ta' Awwissu 2020 u anke wara li nghatat l-istess sentenza u ddekorra wkoll it-terminu ghall-appell.

Ghalhekk jezistu ragunijiet validi fil-ligi sabiex tigi mhassra s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-15 ta' Settembru 2020 fl-ismijiet inversi u ssir ir-ritrattazzjoni tal-kawza a tenur tal-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-rapprezentant tas-socjetà rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi jezistu ragunijiet validi fil-ligi sabiex issir ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet *Avv. Cedric Mifsud a nom u in rapprezentanza ta' Commercial Aviation Services LLC bl-indirizz PO BOX 521605, Miami, FL 33172, United States of America vs HI FLY Limited* (Rik. Nru. 655/2020 GM) deciza nhar il-15 ta' Settembru 2020 u dan a tenur tal-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Thassar is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-15 ta' Settembru 2020 fl-ismijiet *Avv. Cedric Mifsud a nom u in rapprezentanza ta' Commercial Aviation Services LLC bl-indirizz PO BOX 521605, Miami, FL 33172, United States of America vs HI FLY Limited* (Rik. Nru. 655/2020 GM).

3. Tordna r-ritrattazzjoni u s-smiegh mill-gdid tal-kawza fl-ismijiet *Avv. Cedric Mifsud a nom u in rapprezentanza ta' Commercial Aviation Services LLC bl-indirizz PO BOX 521605, Miami, FL 33172, United States of America vs HI FLY Limited* (Rik. Nru. 655/2020 GM) a bazi tal-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra s-socjetà intimata li hi minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta maħlufa tal-Avukat Dottor Cedric Mifsud għan-nom u in rappreżentanza ta' Commercial Aviation Services LLC li permezz tagħha eċċepixxa illi:

In linea preliminari, r-rikors guramentat tas-socjetà HI FLY Limited ghandu jigi ddikjarat null u bla effett minhabba li s-socjetà HI FLY Limited ma tistax titlob ritrattazzjoni ta' kawza fejn il-partijiet ghandhom rwol differenti mill-kawza ritrattata. Fir-rikors odjern, is-socjetà HI FLY Limited bhala socjetà attrici qeghda titlob it-thassir ta' sentenza fejn hija kienet is-socjetà konvenuta. F'kawza ta' ritrattazzjoni, il-partijiet jibqghu bl-istess rwol li kellhom fil-kawza originali però min jaghmel it-talba ta' ritrattazzjoni jsir ir-ritrattand u mhux jikkonverti ruhu bhala attur. Ghaldaqstant ir-rikors guramentat kif propost huwa legalment insostenibbli.

Fit-tieni lok ukoll in linea preliminari, l-applikazzjoni ghal ritrattazzjoni kif prezentata ghandha rekwisit spettanti mill-ligi nieqes ai termini ta' Artikolu 815 tal-Kap. 12, cioè li flimkien mar-rikors guramentat, ghandha tinghata garanzija ghall-ispejjez hekk kif dedott f'Artikolu 249 tal-istess Kap. 12. Ghaldaqstant, qed tigi eccepita n-nullità tal-azzjoni kif dedotta.

Fit-tielet lok wkoll in linea preliminari, is-socjetà HI FLY Limited ma pprezentat l-ebda prova li tindika d-data ezatta li fiha qeghda tallega li saret taf bis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-15 ta' Settembru 2020 fl-ismijiet "*Avv. Cedric Mifsud a nom u in rapprezentanza ta' Commercial Aviation*

*Services LLC bl-indirizz PO BOX 521605, Miami, FL 33172, United States of America vs HI FLY Limited* (C-59107).

Ghalhekk, fin-nuqqas ta' tali prova, qed jigi eccepit li t-talba tas-socjetà HI FLY Limited ghar-ritrattazzjoni tal-kawza suindikata hija preskritta, ai termini ta' Artikolu 818(1)(b). It-talba ghar-ritrattazzjoni giet prezentata nhar is-16 ta' Dicembru 2020, u ghaldaqstant, it-terminu ta' tlett xhur mid-data tas-sentenza in kwistjoni, u cioè nhar il-15 ta' Settembru 2020 kien skada.

Fil-mertu, u minghjr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà Commercial Aviation Service LLC ma taqbilx mal-fatti kif elenkati fir-rikors guramentat tas-socjetà HI FLY Limited, u dan ghaliex fuq bazi fattwali jirrizulta li s-socjetà HI FLY Limited kienet giet debitament notifikata, nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Awwissu 2020 hekk kif jidher ic-certifikat mahrug mill-ufficcjal ikkoncernat (kopja annessa u mmarkata Dok. A).

L-allegazzjoni li s-socjetà HI FLY Limited ma gietx notifikata bir-rikors guramentat ai termini ta' Artikolu 187(4) tal-Kap. 12 ghas-semplici fatt li n-notifika saret fir-*reception* tal-kumpless u mhux fl-ufficcju tas-socjetà hija assurda. Dan ghaliex hija difficli titwemmen, li persuna mpjegata f'*reception* ta' kumpless ufficini, tiehu r-responsabbilità li taccetta notifika ta' proceduri gudizzjarji, jekk ma tkunx awtorizzata taghmel dan.

L-*onus probandi* ta' din l-allegazzjoni taqa' fuq is-socjetà HI FLY Limited, li ghandha tipprezenta provi konkreti li jispjegaw ghalfejn tali socjetà ma kellhiex titqies li giet notifikata ai termini ta' Artikolu 811(1)(b) tal-Kap. 12.

It-talbiet tas-socjetà HI FLY Limited ghat-thassir tas-sentenza fl-ismijiet, *"Avv. Cedric Mifsud a nom u in rapprezentanza ta' Commercial Aviation Services LLC bl-indirizz PO BOX 521605, Miami, FL 33172, United States of America vs HI FLY Limited C-59107)"* u ghar-ritrattazzjoni tal-istess, huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghaldaqstant jimmeritaw illi jigu michuda fl-intier taghhom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar l-ewwel tlett eċċezzjonijiet preliminari tal-Avukat Dottor Cedric Mifsud nomine.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel tlett eċċezzjonijiet preliminari tal-Avukat Dottor Cedric Mifsud noe.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din tal-lum hija kawża għat-tħassir ta' sentenza u ritrattazzjoni tal-kawża fl-ismijiet Avv. Cedric Mifsud a nom u in rappreżentanza ta' Commercial Aviation Services LLC bl-indirizz PO BOX 521605, Miami, FL 33172, United States of America vs HI FLY Limited (655/2020 GM) deċiża nhar il-15 ta' Settembru 2020. Dan għaliex is-soċjetà ritrattandi tgħid illi hija ma kienitx notifikata bir-rikors maħluf f'dik il-kawża ai termini tal-artikolu 187(4) tal-Kap. 12 u li allura jeżistu raġunijiet validi fil-liġi sabiex tiġi mħassra s-sentenza tal-15 ta' Settembru 2020 a tenur tal-artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-artikolu ċitat tal-Kap. 12 jaqra hekk:

> *"Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
>
> *...*
>
> *(b) jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża;"*

Id-deċiżjoni tal-lum hija limitatament dwar l-ewwel tlett eċċezzjonijiet preliminiari sollevati mir-ritrattat noe.

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, ir-ritrattat noe jeċċepixxi li r-rikors ġuramentat tas-soċjetà ritrattandi huwa null u

mingħajr effett peress illi kellu jsir fl-ismijiet inversi u ċioè l-istess bħal ma kien fil-kawża li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni.

Din l-eċċezzjoni m'għandhiex mis-sewwa. Il-Qrati tagħna jirrikonoxxu li f'kawżi ta' ritrattazzjoni, l-okkju jista' jsir kemm fl-istess mod tal-kawża li tagħha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni, u kemm fl-ismijiet inversi sabiex jirrifletti min mill-partijiet ikun qiegħed jitlob ir-ritrattazzjoni. Fil-fatt, fil-każ ta' Luigi Agius vs Jimmy Vella, tat-30 ta' Settembru 2016, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*"Hu veru li, mill-okkju tal-kawza, Vella jidher li hu konvenut, però, l-okkju kellu jirrifletti l-okkju tal-kawza li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni. L-okkju huwa l-istess tal-kawza fejn kien sokkombenti (rikors nru. 112/12), izda l-konvenut tellief, jekk iħoss li hemm ragunijiet validi biex il-kawza tigi ritrattata, għandu jzomm l-istess okkju u jiftaħ proċeduri godda hu, u jilbes il-vesti ta' "attur". Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza Busuttil v. Gauci deciza fl-24 ta' Jannar, 1997, billi kawza ta' ritrattazzjoni tirreferi għas-smigħ mill-gdid tal-ewwel kawza, l-okkju għandu jitħalla l-istess.*

*Hu veru li hemm sentenzi li jgħidu li proprjament l-okkju għandu jinqaleb f'kawza ta' ritrattazzjoni (ara Farrugia noe. v. Mallia noe, deciza wkoll minn din il-Qorti fil-5 ta' Marzu, 1979), izda l-gurisprudenza tammetti z-zewg modi ta' kif jitnizzel l-okkju. Fil-kawza Ferando v. Bianchi, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-12 ta' Mejju, 2003, intqal li l-okkju għandu jkun identiku (Farrugia v. Schembri, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Ottubru, 1996), għalkemm jista' jkun invertit (Mejlaq v. Bugeja, deciza minn din il-Qorti fit-13 ta' Ġunju, 1995). Ma jidhirx, għalhekk, li hu di rigur li tigi segwita prassi flok l-oħra. Il-forma li jieħu l-okkju mhux importanti, għax dak li hu importanti huwa li l-gudizzju jigi identifikat u li l-partijiet f'dik il-kawza jkunu partijiet fil-kawza ta' ritrattazzjoni; dan apparti li tale nullità mhux kontemplata fl-Artikolu 789 tal-imsemmi Kap. 12.'*

B'applikazzjoni tal-premess, l-ewwel eċċezzjoni tar-ritrattat noe ser tiġi miċħuda. Ir-ritrattat noe imbagħad jeċċepixxi li l-applikazzjoni għal ritrattazzjoni saret mingħajr ma ngħatat

garanzija għall-ispejjeż bi ksur tal-artikolu 815 tal-Kap. 12 u allura hija nieqsa minn wieħed mir-rekwiżiti spettanti mill-liġi.

L-artikolu 815 tal-Kap. 12 jiddisponi li:

> *"Fil-qrati superjuri u fil-qrati inferjuri, it-talba għar-ritrattazzjoni, f'qorti tal-ewwel grad, għandha ssir b'rikors ġuramentat, u quddiem il-qorti fi grad ta' appell, b'rikors, flimkien mal-preżentata tar-rikors għandha tingħata l-garanzija għall-ispejjeż skont l-artikolu 249."*

L-artikolu 249(1) u (2) imbagħad jaqraw hekk:

> *"(1) Sakemm ma jiġix provdut mod ieħor f'xi liġi oħra, fil-każ ta' appell prinċipali jew inċidentali minn sentenzi jew digrieti mogħtija f'kawża mibdija minn rikors maħluf, il-garanzija għall-ispejjeż tal-appell għandha tiġi prodotta u depożitata fil-qorti fi żmien tliet (3) xhur minn meta l-appellant jirċievi l-avviż għall-ħlas. Jekk l-appellant ma jiġix notifikat b'dan l-avviż, ir-reġistratur għandu, fi żmien għaxart (10) ijiem, jinforma bil-miktub lill-avukat ta' dik il-parti li l-avviż ma ġiex notifikat u l-avukat għandu jiffirma fuq kopja li rċieva din il-komunika:*
>
> *Iżda ma għandha tittieħed l-ebda azzjoni kontra l-avukat talli jonqos milli javża lil dik il-parti.*
>
> *(2) Dik il-garanzija għandha tkun fis-somma stabbilita mir-reġistratur u għandha ssir jew billi jiġu depożitati flus likwidi jew billi tinħareġ garanzija bankarja ta' bank li jkollu liċenzja skont l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju skont l-Iskeda Ċ li tinsab ma' dan il-Kodiċi."*

Mill-atti ma jirriżultax illi r-Reġistratur stabbilixxa din il-garanzija u wisq inqas li bagħat xi avviż għall-ħlas u għaldaqstant, is-soċjetà ritrattandi għad mhijiex f'qagħda li tippreżenta din il-garanzija. Għalhekk, din l-eċċezzjoni sejra wkoll tiġi miċħuda.

Finalment, ir-ritrattat noe jeċepixxi in linea preliminari li s-soċjetà ritrattandi ma ppreżentat l-ebda prova li tindika d-data preċiża li fiha qed tallega li saret taf bis-sentenza li tagħha qed

titlob it-tħassir u ritrattazzjoni.  Għalhekk, jeċċepixxi li t-talba tas-soċjetà ritrattandi hija preskritta a tenur tal-artikolu 818(1)(b) tal-Kap. 12.

Jidher li din l-eċċezzjoni preliminari hija llum sorvolata in kwantu li s-soċjetà ritrattandi ppreżentat kopja ta' *e-mail* minn fejn jirriżulta li hija qed tallega li saret taf bil-kawża li tagħha qed titlob it-tħassir u ritrattazzjoni fid-9 ta' Ottubru 2020.  Isegwi għalhekk li, dejjem għal dak li għandu x'jaqsam mal-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mir-ritrattat noe, id-data meta s-soċjetà ritrattandi qed tgħid illi saret taf b'dik il-kawża ġiet fil-fatt stabbilita fil-kors ta' dawn il-proċeduri.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawza billi tiċħad l-ewwel tlett eċċezzjonijiet tal-Avukat Dottor Cedric Mifsud noe u tordna l-prosegwiment tal-kawża fil-mertu.

L-ispejjeż jibqghu riżervati għall-ġudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG